Newspaper Post

# Żminijietna

www.zminijietna.org www.zminijietna.blogspot.com https://twitter.com/Zminijietna

Vol.5 Nru. 30 April - Ġunju 2016 40c

# L-Urġenza ta' Liġi kontra l-Prekarjat

Fl-ewwel ta Mejju ta' kull sena l-ħaddiema madwar id-dinja kollha jirriflettu fuq l-istorja tal-emanċipazzjoni tal-klassi tagħhom, u jiflu partikularment il-kwalitá tal-ħajja tal-kotra fid-dawl tal-iżviluppi soċio-ekonomiċi ta' l-aħħar tnax il-xahar.

Il-klassi tax-xogħol tagħti ġieh lill-pijunieri li ssagrifikaw ħajjithom biex inkiseb il-livell ta' ħajja ċivilizzata li ngawdu llum, waqt li tesprimi sodisfazzjon bit-titjib li qed tara ' f'Malta fil-livell tal-għejxien fl-oqsma soċjali, ċivili, tax-xogħol u tal-ekonomija. Tapprezza kif it-tkabbir ekonomiku qed jitqassam b'ġustizzja permezz ta' opportunitajiet ta' xogħol, benefiċċji soċjali, child-care bla ħlas, titjib fis-servizzi statali tal-edukazzjoni u saħħa, u drittijiet ġodda liċ-ċittadini.

Dan il-progress jinħass u jidher fil-maġġoranza kbira tal-familji tal-ħaddiema. Ħasra li qed ikun imtappan bl-element inaċċettabbli tax-xogħol prekarju, li jirrendi ħaddiem skjav tas-sid li jimponih fuqu. Għalhekk nappellaw għall-konċentrazzjoni tal-gvern fuq dan il-qasam, li għadu problematiku minkejja l-miżuri li ha s`issa dwaru.

F'Malta 'llum b'amministrazzjoni laburista sar titjib fil-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-poplu, imma għad hawn numru kbir ta' ħaddiema li jinsabu f'sitwazzjoni imwegħra minħabba l-fatt li l-impjieg tagħhom huwa wieħed prekarju li ma jrendilhomx flus biżżejjed sabiex jgħixu ħajja diċenti u lanqas ma joffrilhom futur sigur għaliex ma humiex jaħdmu f'impjieg stabbli.

Il-kwistjoni tal-paga minima jeħtieġ li tiġi riveduta 'l fuq mil-aktar fiss possibbli sabiex il-livell tal-għajxien ta' numru ta' ħaddiema f'Malta jitjieb. Sa llum iż-żewġ partiti ewlenin huma kontra li tiżdied il-paga minima nazzjonali, filwaqt li hemm qbil komuni li salarju tagħhom għandu jiżdied. Filfatt il-maġġor parti tal-parlamentari lkoll jgawdu minn salarji tajba.

Il-politika tal-Gvern fil-konfront tal-prekarjat jeħtieġ li tiġi mifruxa fl-oqsma kollha tax-xogħol. Kien pass tajjeb li ġew introdotti diversi miżuri mil-Gvern, kif spjegat mil-istess Segretarju Ġenerali tal-GWU fil-paġna tan-nofs tal-gazzetta, imma dana mhux biżżejjed. Il-kwistjoni ta' 'equal pay for same work' jeħtieġ li tiġi nforzata aktar. Hija direttiva Ewropeja li ħafna emplojers mhumiex josservaw.

Nistennew aktar kollaborazzjoni mil-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem sabiex id-direttivi Ewropej jiġu mħarsa mil-imsieħba tagħhom. Mhuwiex ġustifikat aktar li jkollok emplojers li jużaw metodi ta' sfruttament.

Wasal il-waqt ukoll li f'Malta tidħol liġi ġdida li tiddefenixxi eżatt dak li hu prekarjat. In-nuqqas ta' din il-liġi qed jwassal biex f'Malta jkollna tipi varji ta' kuntratti tax-xogħol li x'ħin tiflihom issib li dan mhu xejn ħlief prekarjat. Studji fuq din il-materja jeżistu u allura nistennew aktar rispons minn naħa tal-Gvern sabiex jkun pro-attiv u jdaħħal liġijiet li jbiegħdu l-prekarjat mis-suq tax-xogħol.

Il-politika tal-Gvern 'pro-business' jeħtieġ li tiġi bbilanċjata b'politika favur l-interess tal-ħaddiema. Ninnotaw li l-Gvern qed iżomm lura milli jkun strumentali f'dan il-qasam, mhux l-istess jista' jingħad fil-qasam tal-libertajiet ċivili, fejn il-gvern ħa linja progressiva. In-nuqqas ta' politika xellugija tinħass ħafna f'din l-amministrazzjoni preżenti meta kkomparata ma' amministrazzjonijiet oħra laburisti.

Nuqqas ieħor sabiex jiġi ndirizzat l-prekarjat huwa n-nuqqas ta' statistika li tiżvela n-numru ta' ħaddiema li jaħdmu f'kuntratti differenti tax-xogħol. L-istatistika nazzjonali tkopri biss xogħol b'kuntratt full-time u dak part-time. Ħaddiema b'xogħol temporanju, agency workers, telework u xogħol b'sigħat imnaqqsa mhumiex inklużi fl-istatistika nazzjonali.

Il-politika neoliberali ukoll għandha tiġi kkonfrontata. F'Malta jinħass in-nuqqas ta' din ir-rieda kemm fost it-trejdjunjins u anke l-klassi politika. Il-politika assolutista pro-business huwa kunċett neo-liberali.

Wieħed jistaqsi jekk hux se tinbena forza progressiva xellugija f'Malta li tiġġieled din il-politika assolutista pro-business.

***Josef Buegja, is-Segretarju Ġenerali tal-GWU wkoll jagħmel enfażi "li l-prekarjat f'pajjiżna qed iġib sitwazzjoni fejn numru sostanzjali ta' ħaddiema qed jiġi mponut fuqhom kuntratt tax-xogħol mingħajr ma jkunu jistgħu jġeddu u jtejjbu s-sitwazzjoni tagħhom".***

***Fil-paġna tan-nofs tal-gazzetta Żminijietna wieħed jista' jaqra aktar fid-dettal dak li qal is-Segretarju Ġenerali tal-GWU f'taħdita pubblika forma ta' intervista organizzata mill-Alleanza Kontra Faqar.***

***Ġewwa...***


- ***L-Editorjal***
- ***Il-Kontradizzjonijiet fil-Partit Syriza fil-Greċja*** - *Alfred Consiglio*
- ***Il-ħtieġa ta' Laboratorju Ideoloġiku*** - *Mark Montebello*
- ***Drittijiet Ċivili: Purtiera ta' Duħħan*** - *Ingram Bondin*
- ***Korruzzjoni Politika*** - *Michael Camilleri*


## Panamagate u l-Abolizzjoni ta' Tax Havens

L-aħbarijiet riċenti ta' *swissleaks* u *panamaleaks* joħorġu biċ-ċar il-problema kbira ta' evażjoni ta' taxxa fuq livell globali. Dana jfisser li ħafna flus li l-gvernijiet suppost daħlu mit-taxxi ma ġewx miġbura, minħabba l-fatt li kienu moħbija f'kontijiet sigrieti.

Kienet f'waqtha l-istqarrija li ħarġu l-grupp tas-soċjalisti demokratiċi Ewropej sabiex jinstab tarf għal din il-pjaga. Huwa ta' tħassib li politikanti f'Malta 'miż-zewġ naħat tal-kamra' instabu li għamlu użu minn dawn il-faċilitajiet.

Diversi organizazzjonijiet internazzjonali fosthom OXFAM ilhom għal snin twal jikkampanjaw favur l-abolizzjoni ta' Tax Havens.

Huwa ironiku kif il-proposta ta' Taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji qed issib ostakli mil-klassi politika u mil-oqsma finanzjarji, meta mbagħad sistema ta' evażjoni ta' taxxa titħalla tiġi prattikata, qisu xejn mhu xejn.

Ix-xellug qatt ma għandu jaqbel ma sistema li tgħin fl-evażjoni ta' taxxa. Soċjetá Ġusta tirrikjedi sistema ta' tassazzjoni li tkun progressiva fejn kull persuna tħallas skond kemm tiflaħ.

Ix-xellug għandu jibqa' jsemma leħnu biex tiddaħħal taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji, jiġu aboliti sistemi ta' Tax Havens u sabiex is-sistema ta' tassazzjoni tkun waħda progressiva. L-istess jista' jingħad fil-qasam ambjentali bil-prinċipju ta' min iniġġeż, iħallas.

# A Dirge for Democracy

***Sammy Camilleri***
***Ontario, Canada***

Researchers at Princeton and Northwestern Universities in the United States, after a prolonged study, recently concluded the U.S can no longer be called a "Democracy". In a report to be published in the fall edition of 'Perspectives on Politics', they suggest the present political form is more accurately called "Oligarchy", or rule by a small, powerful group. Since the preferences of economic elites consistently 'have far more independent impact upon policy change than the preferences of average citizens do'.

Similar critique of U.S Democracy is coming from other prominent American Writers and Thinkers. Consumer activist Ralph Nader, for example is calling the U.S as an "advanced Third World Country".
Why? Half the country is poor. It has the highest child poverty rate in the (developed) world. The highest level of consumer debt and foreclosure….

Electorally, America, is a money driven two party tyranny system, and yet they are still lecturing other countries on democracy.

***A handful of corporate oligarchs around the globe now have everything, wealth, power, and privilege. There is one set of laws and regulations for us, another set for corporate power elite that functions like a global mafia.***

A True Democracy, as defined in the U.S Constitution, consist of Government of, by and the rule of the people. Transformed into Government of, by and for corporations, the main goal of policy becomes to serve these mammoth organizations, help them prosper, lower their taxes, deregulate their activities, free them from labour and environmental constraints, and bail them out with taxpayer money when excessive greed causes economic or financial meltdowns.

The ensuing scourges of poverty, unemployment, misery and inequality are natural results of a dominant worldwide economic system that has become, in effect, the dominant political system.
Capitalism has always been inherently unfair. Patterned on the law of the jungle and the survival of the fittest, it rewards its most ruthless and unprincipled practitioners. Their freedom to amass wealth and power, when unrestrained politically, disregards any concern for the millions who are trampled over in the process.

Democratically elected governments are supposed to keep corporations in check, to stop or punish their social and economic transgressions, regulate their conduct, and protect citizens from their unethical and often harmful practices. This political accountability was abandoned during the reign of the corporate 'robber barons' in the late 19th and early 20th centuries. It wasn't until the uncontrolled rapacity of the industrial and financial Corporations precipitated the great depression of the 1930's that political restraints were re-imposed by Keynesian Reformers, curbs that were maintained to some extent during the first three decades following the Second World War. But the corporations always resented and chafed under these political shackles on their 'free market', proclivities.

When Global "Free Trade" agreements dismantled those deterrents in the 1980's and 1990's, when new communications technologies greatly expanded and influence of big business internationally, and when communism (their only potential economic rival) collapsed, the corporations were truly free to make capitalism paramount on a global scale – not just economically but politically as well. It couldn't have happened at a better time for the corporations or at a worse time for humankind.

Capitalism, as a system, can only thrive (or even survive) when economic growth is unlimited and continuous. That would only make sense, however, if we were living on a planet whose resources were inexhaustible. They clearly are not. As nearly 2000 world scientists warned us more than 20 years ago, "The Earth is Finite. Its ability to absorb wastes and destructive effluent is finite. Its ability to provide for growing number of people is finite, and we are fast approaching many of the earth's limits".

That warning has been almost completely disregarded, and it will continue to be ignored as long as capitalism remains the planet's dominant economic system. The key problem with this system on a planet of limited resources and ecological viability is that the corporations that comprise it are motivated solely short-term profit making. Many ruinous pursuits become attractive opportunities.

Extracting and burning fossil fuels is profitable. Deforestation is profitable. Depleting non-renewable resources is profitable. Pollution is profitable. Global warming is profitable. War is profitable. Junk food is profitable. Hooking kids on drugs is profitable. Offshore Tax havens is profitable. Poverty is profitable. Inequality is profitable. Human trafficking is profitable. Cancer and other fatal disease are profitable. Drugs, both legal and illegal are profitable. Non-Unionized labour is profitable. Child labour is profitable. Low wages and high unemployment is profitable. Unsafe work places are profitable. Purchasing politicians is profitable. This list could be much longer.

Almost anything that could enhance corporate profit in an uncontrolled capitalist economy will be produced and sold, no matter the social or environmental harm. Corporate controlled governments, instead of intervening to protect consumers, will do all they can to facilitate such corporate practices.

***Conversely, of course, any policy or program that would benefit most people but not make a profit (e.g fairer income distribution, cleaner air, and water, better public transport, more help for the poor) will hardly be the priority of a Government that primarily serves corporate interests.***

It's insane, it enriches a privileged few and impoverishes billions, while the planet is increasingly being rendered uninhabitable for the rich and poor alike. But that what passes for "Democracy these days.

# Drittijiet Ċivili: Purtiera tad-Duħħan?

***Ingram Bondin***

Tul dawn l-aħħar tliet snin ta' Gvern Laburista, wieħed jista' jgħid li id-drittijiet ċivili ħadu spinta sew 'il quddiem. Daħlet il-liġi tal-unjonijiet ċivili, dik ta' l-identita' tal-ġeneru, u bħalissa qegħdin jiġu diskussi il-liġijiet li jippermettu l-użu tat-teknika tal-iffrizar tal-embrijuni waqt il-proċedura tal-IVF u daqt jibdew jittieħdu l-ewwel passi sabiex titneħħa ċ-ċensura artistika.

Dan l-aġġornament fil-liġijiet ġie wara ir-renju twil tal-Gvernijiet Nazzjonalisti, li dejjem addottaw politika Konservattiva ħafna f'dawn l-oqsma. Il-moviment ta' Joseph Muscat irnexxielu jaqbad il-bidla fl-ispirtu taż-żminijiet u jagħti leħen lill-għajta liberali li kienet qegħda issejjaħ għall-aġġornament tal-kostumi tal-poplu Malti. Billi għaqqad dan ma' bosta kwistjonijiet oħra, Muscat irnexxielu jifforma front wiesgħa ta' dawk li kienu imxebbgħin bil-politika ta' Lawrence Gonzi u b'hekk għeleb lill-Gvern Nazzjonalista.

Għaldaqstant wieħed jifhem is-sens li iħossu bosta li fl-aħħar qiegħed isir progress importanti, sens ta' żvog wara li ilhom jinġemgħu l-għanqbut u isir minn kollox sabiex titwaqqaf kull bidla għal żmien twil.

Tajjeb iżda li wieħed jagħrbel naqra aktar fil-fond u jistqasi dwar il-post li l-kwistjoni tad-drittijiet ċivili qegħda tokkupa fil-politika li qiegħed imexxi l-Gvern Laburista. Qabel ma nkompli nixtieq nagħmel waqfa żgħira sabiex niċċara it-twemmin tiegħi mal-qarrej u b'hekk nevita kull riskju li ninftiehem ħażin.

Inqis lili innifsi Soċjalist Indipendenti, u kont għal żmien twil fuq quddiem tal-kampanji favur id-drittijiet ċivili. Kont involut b'mod speċjali f'dik kontra ċ-ċensura u f'dik favur il-liberta' tal-kuxjenza sabiex wieħed ikun jista' jieqaf ikun membru tal-Knisja Kattolika. Għaldaqstant dan huwa qasam li missejt miegħu sew u li naf fil-fond.

Nista' issa niġi għall-punt li nixtieq nagħmel. Fl-opinjoni tiegħi il-Gvern Laburista ta' Joseph Muscat huwa fenomenu tal-Lemin, li imexxi politika li tfittex li tagħti vantaġġ lin-negozjanti l-kbar waqt li tipparalizza lill-ħaddiema sabiex dawn ma' joffru l-ebda' reżistenza lejn dak li qiegħed iseħħ. Nemmen ukoll li jekk ma noqgħodux attenti, din il-ġlieda għad-drittijiet ċivili sejra tispiċċa sempliċement putiera tad-duħħan li warajha tkun tista' titwettaq din il-politika tal-Lemin.

Ma naħsibx li hemm bżonn ngħid li jekk tneħħi xi riformi limitati ħafna, il-Gvern Laburista jidher li ma jrid jagħmel l-ebda' politika favur il-ħaddiema. Insemmi biss il-ġlieda kontra l-prekarjat li l-Gvern ma jridx jestendi għas-settur privat u l-fatt li ma hemm l-ebda ċans li tiżdied il-paga minima. Ma' dan nistgħu inżidu l-privatizzazjonijiet u l-manuvri xejn trasparenti li qegħdin isiru fil-qasam tal-Enerġija u dak tas-Servizzi tas-Saħħa (żgur li mhux kumbinazzjoni li t-tnejn li huma qegħdin f'idejn il-Ministru Konrad Mizzi), li fl-aħħar żgur li ħa jispiċċaw iħallsu qares għalihom il-ħaddiema. Dan huwa biss il-bidu u ma nafux x'hemm aktar moħmi għall-ġejjieni minn dan il-Gvern '100% pro-business'.

F'dan il-vojt komplet ta' politika xellugija, jiena nemmen li l-Gvern qiegħed juża' il-kwistjoni tad-drittijiet ċivili sabiex juri kemm hu taparsi progressiv. Waqt li x-xellug jappoġġja l-ġlidiet tad-drittijiet ċivili, importanti li wieħed ma jaħsibx li dawn huma l-bidu u t-tmiem tal-politika xellugija, u b'hekk jagħtihom l-importanza li jistħoqqilhom – u mhux aktar. Tajjeb li wieħed jinnota li dawn ir-riformi ma jiswew xejn lil Gvern Laburista, għaliex ma jmissu bl-ebda' mod il-vera poter f'dan il-pajjiż : dak ekonomiku. Għalhekk dawn iservu bħala speċi ta' alibi għall-fatt li dan il-Gvern ma jrid iwettaq l-ebda politika ta' ridistribuzzjoni tal-ġid, jew kull ħaġa oħra li tista' tirfes il-kallijiet tas-sidien.

Huwa importanti ukoll li wieħed jinnota kif dawn il-kwistjonijiet qegħdin jintużaw sabiex jinħolqu differenzi foloz bejn il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista. Illum dawn iż-żewġ partiti huma sempliċement iż-żewġ t'irjus tal-istess fenomenu tal-Lemin ekonomiku. Dan il-mostru jirrappreżenta l-interessi tal-oligarkija tan-negozjanti lokali l-kbar u tal-investituri barranin. Biex in-nies ma tindunax b'dan il-fatt, itellgħu quddiemha t-teatrin tal-Konservattivi kontra il-Liberali, li fuqu jirrextaw il-ġlidiet kompletament sekondarji tal-mument.

Huwa għalhekk importanti li wieħed jifhem x'qiegħed jiġri u ma jħallix lill-istrateġisti tal-partiti jidħqu bih. Il-glieda tad-drittijiet ċivili għandha titmexxa flimkien mal-ġlieda għar-riforma tal-ekonomija favur il-poplu. M'għandniex nikkuntentaw ruħna bid-drittijiet ċivili biss, jew kif ta' spiss qiegħed jiġri nikkunslaw għaliex tal-anqas qiegħed isir xi ħaġa fuq dawn il-kwistjonijiet. Jeħtieġ li inpoġġu il-ġlieda għall-ġustizzja soċjali lura fuq il-mappa u ma nċedux għal dawn ir-rikatti.

*Editorjal*

# Gaddafi, l-IS u l-Psewdo Intelletwali Maltin

Naħseb li l-poplu kollu qiegħed fuq ix-xwiek jistenna jara x’se tkun il-pożizzjoni ta’dawk il-psewdo-intelletewali Maltin li tant ferħu meta nqatel id-dittatur Libjan Gaddafi mill-punent, li issa ntebħu li l-IS ħatfu Sirte u ġew bieb u għatba ma’ pajjiżna.

Ma hemm l-ebda dubju li dawn il-psewdo intelletwali ħasbu u emmnu li tneħħija u l-qtil ta’ Gaddafi kien se jwassal biex fil-Libja tidħol demokrazija stil ta’ l-Ewropa. Ma tgħallmu xejn mill-ġrajjiet ta’ l-Afganistan u ta’ l-Iraq. Ma ridux jammettu li l-Punent ħadem għall-interess ekonomiku tiegħu biss.

Kif qalu diversi ċittadini Libjani, fil-midja soċjali: Kellna Tirann wieħed, issa għandna mija. Għadda ħafna żmien u l-pajjiż għadu mfarrak. Imma l-biża’ l-kbira hija kif l-Islamisti estremiti ta’ l-IS ħatfu partijiet kbar tal-Libja u saru sejf ippuntat lejn il-qalba tal-Ewropa. Diġà kien hemm rapporti ta’ attakki militari mill-Punent fil-Libja.

X’se jiġri issa. Se jkun hemm gwerra oħra fl-għatba tagħna. X’se jkun is-sehem ta’ Malta? Se nergħu inkunu l-fortizza ta’ NATO u l-Ewropa bħalma konna fl-imgħoddi? S’intendi huwa l-ħaddiem u l-poplu Malti li se jbatu!!

Sa minn żmien ilu Malta dejjem kienet il-punta tax-xabla ta’ l-Ewopa kontra l-Islam u d-dinja Għarbija. Kompliet b’dan ir-rwol wara t-Tieni Gwerra Dinjija meta l-Punent beda juri l-kilba tiegħu għall-ġid tal-pajjiżi Għarab spejċalment iż-żejt. Kull fejn kien hemm gvern li ma obdiex id-diktat tal-Punent u ma ridx iħalli ġid tal-pajjiż jiġi kontrollat mill-kumpaniji kapitalisti sab ruħu fl-inkwiet.

Hekk ġara fil-Libja. Il-pajjiż tfarrak. Kien hemm żewġ gvernijiet jissieltu għall-poter u għadd kbir ta’ milizji kullħadd jiġġieled u joqtol għall-poter.

Bħalissa bl-isforzi tal-Ġnus Magħquda se jipprovaw jagħmlu gvern wieħed. Imma sadanittant fil-Libja daħlu l-estremisti tal-IS. Hekk kif dawn qed jitkeċċew mis-Sirja bdew deħlin fil-Libja fejn ħadu partijiet għonja. Franza, l-Ingilterra u l-Istati Uniti li għenu biex jinħoloq dan il-mostru diġa’ bdew jieħdu passi militari moħbija fil-Libja, u l-gwerra reġgħet resqet ferm qrib xtutna. Nisperaw li Malta ma tintużax bħala bażi militari.

# Korruzzjoni Politika

*Apert - Birkirkara*

Iż-żewġ partiti politiċi ewlenin Maltin bħalissa jinsabu f’taqtiegħa sfrenata jgħajjru lil xulxin b’korruzzjoni politika. Qegħdin nisimgħu b’tużżani ta’ każi ta’ korruzzjoni politika li seħħew fl-aħħar snin u għadhom allegatament għaddejjin sa llum. Il-poplu rrabjat għaż-żewġ każi li fil-qorti qed jiġu ppruvati li seħħew matul il-leġiżlatura l-oħra. Huwa ħerqan biex jara li ssir ġustizzja, u anzjuz biex ikun jaf il-veritá dwar l-allegati każi l-oħra passati u tal-preżent, li għad ma ttieħdux passi konkreti dwarhom.

Iridu u għandhom dritt ikunu jafu speċjalment il-membri tal-kotra l-kbira tal-popolazzjoni, li mingħajr il-gwida regolatorja soċio-ekonomika tal-gvern jibqgħu għall-ħajja jiddependu biss mil-burdati u l-interessi ta’ min għandu l-mezzi tal-produzzjoni (ir-riedni tal-ekonomija). F’dan ir-rigward għamel sewwa ferm il-gvern preżenti meta neħħa l-immunitá ngusta li kienet tipproteġi lill-politiċi milli jkunu mixlija li tħammġu b’korruzzjoni. Daħħal żewġ liġijiet li jiffaċilitaw il-kxif u l-proċessar tal-politiċi korrotti ta’ kull żmien passat u preżent. Għamel il-liġi li “tneħħi l-preskrizzjoni”, li se żżomm deputat responsabbli ta’ għemilu bħala MP/ministru tul ħajtu kollha, anke wara li ma jibqax fil-politika. Illeġiżla wkoll il-“Whistleblower Act” li jipproteġi lil min jikxef korruzzjoni tal-politiċi.

Dawk huma żewġ għodod legali li bihom jistgħu jinkixfu u jiġu ġustizzjati l-politiċi korrotti. Adattati biex inaddfu l-ħmieġ tal-passat u jipprovdu tarka protettiva għall-politika tal-futur. Jippreżentaw responsabiltá itqal fuq kull wieħed mil-partiti biex jitnaddfu mil-valanga ħmieġ li qegħdin jiġbdu lil xulxin taħtha. Jinkoraġixxu liċ-ċittadini jixprunaw din it-tindifa u jassiguraw li jkollna atmosfera politika nadifa, anke lil hinn mil-front tal-partiti eżistenti.

Min-naħa tal-partiti qegħdin naraw atteġġament differenti rigward ir-responsabilitá politika. Il-gvern wera rieda tajba biż-żewġ liġijiet kontra l-korruzzjoni politika, waqt li l-oppożizzjoni tidher li qiegħda tiddefendi lil min jidher li fil-qorti qed jgħaddi minn proċess legali ta’ korruzzjoni li jidher li saret fil-ministeri fi żmien li hija kienet fil-gvern. Dan juri li l-oppożizzjoni preżenti mhix lesta li tindem mill-korruzzjoni li tidher imċappsa biha. Dik mhix bażi kompatibbli ma’ l-impressjoni li jagħti l-partit, li jgħid li jrid jeħles lill-pajjiż mill-korruzjoni. Mil-mod kif il-gvern diġa aġixxa pożittivament bil-leġislazzjonijiet eżemplari, nistenna li bil-karattru awto-dixxiplinat jirreaġixxi b’manjiera ġusta u responsabbli fuq l-allegazzjonijiet ta’ korruzzjoni kontra l-membri tiegħu. Anke allegazzjoni nfondata trid tkun trattata b’serjeta u ġustizzja, biex tinżamm il-fiduċja tal-poplu fil-politika li tat lill-kotra ugwaljanza u ġustizzja ta’ dimensjoni ġdida.

Tkun ħasra jekk dan l-element xellugi jiddgħajjef u ma jkomplix isostni r-rieda li wera b’mod legali konkret kontra l-korruzzjoni, u jekk iħalli jisfuma l-livell imtejjeb ta’ ndipendenza, li radd lill-kotra fil-kwadru soċio-ekonomiku.

Fin-nuqqas tal-partiti li jissodisfaw dawk l-aspettattivi relattivi, tkun sfortuna jekk l-ispirtu xellugi f’demm ħafna Maltin, ma jkunx motivat biex jippromwovi sistema politika nadifa u ġenwina li tistabbilixxi l-iżjed bilanċ ġust fir-relazzjonijiet soċjali, kummerċjali, ekonomiċi, u ċivili bejn il-Maltin. Dmir dak in-nukleu motivat ikun li jikkonvinċi għall-politika nadifa bi gvern ta’ tmexxija ambjentali u ekoloġika bilanċjata, u li jkattar il-ġid nazzjonali u jirregola r-relazzjonijiet soċio-ekonomiċi bl-akbar ġustizzja.

Il-kotra taf li d-dnub tal-korruzzjoni jinħeba wara l-penitenza ta’ taxxi li jħallsu għalih l-onesti. Għalhekk mad-dritt li tkun taf il-verita dwar il-korruzzjoni, l-kotra trid tapprezza d-dmir tas-sehem li għandha fil-kxif tal-politiċi korrotti.

Dawk fost in-nukleu motivat li għandhom xi potenzjal elettorali, jkunu obbligati li jipparteċipaw f’xi partit/grupp nadif eżistenti, u jew jaħdmu biex ikollna mudell ta’ partit li jissodisfa l-ħtieġa bażika tal-kotra, u jirrispetta d-demokrazija parlamentari tagħna.


## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta’ attiviżmu minn perspettiva xellugija, b’emfażi fuq il-prinċipji ta’ l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta’ l-Għaqda u wieħed jista’ jabbona permezz ta’ ċekk jew money order ta’ €5 indirizzati lil Żminijietna: P.O Box 35 Sliema. SLM1000 jew BOV account number 40013290155***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta’ hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta’ l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta’ kull tlett xhur ta’ l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa.**

# Il-Ġlieda Kontra Prekarjat

***Josef Bugeja - Segretarju Ġenerali (GWU) jagħti l-veduti tiegħu...........***

Żminijietna qed twassal il-qarrejja rapport ***ta' taħdita pubblika forma ta' intervista organizzata*** mill-Alleanza Kontra Faqar fejn il-kelliem mistieden kien is-Segretarju Ġenerali tal-GWU Josef Bugeja. Mexxa t-taħdita Joe Bartolo (Membru fil-Kumitat ta' tmexxija tal-Alleanza Kontra l-Faqar). Id-diskussjoni trattat diversi problemi li nsibu fis-suq tax-xogħol fosthom il-problema tal-prekarjat, il-faqar, u l-isfruttament ta' ħaddiema barranin, kif ukoll esponit fil-beraħ in-numru ta' miżuri li ressqet/ressqu l-istess Unjins biex jiġu ndirizzati dawn il-problemi.

ALLEANZA KONTRA L-FAQAR

**Bħalissa hemm indikazzjoni ċara li l-faqar qiegħed jiżdied l-aktar fost il-pensjonanti u ħaddiema bi dħul baxx. F'artiklu riċenti ex-deputat mexxej tal-Partit Laburista qal li waħda mil-problema li qed tikkawża l-faqar f'Malta hija l-prekarjat. Kemm taħseb li għandu raġun?**

Bħala GWU naqblu mal-ġlieda kontra l-prekarjat f'pajjiżna. Il-prekarjat qed iġib sitwazzjoni f'pajjiżna fejn numru sostanzjali ta' ħaddiema qed jiġi mponut fuqhom kuntratt tax-xogħol mingħajr ma jkunu jistgħu jġeddu u jtejjbu s-sitwazzjoni tagħhom. Faqar ieħor huwa dak fejn ħafna minħabba l-esiġenzi tal-ħajja u biex jtejjbu l-livell tal-għajxien tal-familja tagħhom qed jispiċċaw jabbandunaw il-ġenituri tagħhom li jgħixu f'dar tal-anzjani. Kif ukoll il-ġirja sfrenata biex inżidu l-profitti, il-ġirja sfrenata biex nibqgħu kompetittivi, biex nagħtu l-aqwa servizz bl-inqas rata possibbli, waħda mil-prattiċi l-aktar li tiġi applikata hija li jqattċu mil-kundizzjonijiet tal-ħaddiema. Għandna ħaddiema li jaħdmu 40 siegħa fil-gimgħa, jagħtu l-maximum fix-xogħol tagħhom, u bil-paga li għandhom ma jlaħħqux biex jgħixu ħajja diċenti huma u l-familja tagħhom.

Biex niġi għall-mistoqsija tiegħek, ngħid li iva l-prekarjat huwa wieħed mil-problemi li qed jagħti kontribut biex jiżdied il-faqar.

**Kif nistgħu nibdew naħdmu biex nindirizzaw din is-sitwazzjoni?**

Bis-sitwazzjoni li għandna llum nafu fejn qegħdin. Nahseb li llum kullħadd jaqbel, wara ***erba'*** snin, li filwaqt li qabel konna ngħidu li l-prekarjat ma jeżistix, illum ħareġ ċar li jeżistu sitwazzjonijiet prekarji, impjiegi prekarji u mhux biss fis-settur privat, imma anke f'dak pubbliku. Sibna sitwazzjoni ta' ħaddiema li jaħdmu fis-settur pubbliku li kellhom kuntratt tax-xogħol li kien jgħid li l-kuntratt huwa wieħed indefinit, imma li dan il-kuntratt jista' jiġi terminat b'avviż ta' ġimgħa. Iġifieri kull tnejn filgħodu l-ħaddiem kien qed jistenna li ta' fuqu jista' jiġi fuqu u jgħidlu li din hi l-aħħar ġimgħa xogħol tiegħek. Wħud minn dawn il-ħaddiema għamlu *seba'* snin jgħixu hekk.

Il-prekarjat mhux neċessarjament qegħdin ngħidu *'cleaners, careworkers u security guard',* imma llum jeżisti wkoll fil-qasam professjonali, fosthom fost l-avukati li jitħallsu skont l-ammont ta' każijiet li jirnexxilhom iġibu lejn l-ażjenda, ngħidulhom 'trainee', fejn lanqas il-paga minima ma jkollhom.

Għandna ħaddiema full-time fejn dawn għandhom il-paga 'l fuq mil-paga minima, imma mbagħad fil-kuntratt iniżżlulhom li din il-paga tkopri s-sigħat kollha tax-xogħol, fejn dawn mbagħad jiġu mġiegħelha jaħdmu aktar minn 40 siegħa, mingħajr ma jitħallsu aktar. Josef Bugeja kompla jgħid li l-faqar monetarju qed jiżdied minħabba l-prekarjat; qed iġib stress kbir fuq il-familja; pero mhux qed jirnexxilna nagħtu lill-familja dak li hu bażiku. Għandna familji li qed jispiċċaw jissellfu, u anke n-nuqqas ta' bejgħ ta' ċerti prodotti essenzjali fl-aħħar tax-xahar juri dan, li s-saħħa tal-pagi għal ċerti familji mhix biżżejjed biex ilaħħqu sal-aħħar tax-xahar. L-instabilitá fl-impjiegi wkoll toħloq il-faqar.

**X'nifhmu b'xogħol Prekarju?**

Ħafna jassoċċjaw ix-xogħol prekarju ma' ħaddiema li jaħdmu bħala *security guards*; li jkunu mħallsin bil-paga minima; li kuntratt tax-xogħol tagħhom ma jkunx stabbli etċ… Mhux dan biss, hemm ħafna kategoriji ta' ħaddiema li jaqgħu f'xogħol prekarju, anke professjonisti.

Josef Bugeja kompla jgħid li meta qed nitkellmu fuq impjiegi prekarji, qed nitkellmu fuq impjiegi li ma jagħtux stabilitá lill-impjegati tagħhom; li jien ma nafx jekk għada hux se nerġa' nkun fl-impjieg; li jien pitgħada hux se jkolli l-istess paga; u qed ngħix biża' kontinwu li jien se nispiċċa bla mpjieg, apparti li l-ħlas ma jkoprix l-ispejjeż bażiċi tal-ħajja.



Għandna ħaddiema fejn l-uniformi jixtruha huma, fejn jekk jkun ma jiflaħx irid iħallas għat-tabib hu, u mhux il-kumpanija. L-employer stess qed joħloq sitwazzjonijiet fejn l-kundizzjonijiet tal-impjieg jkunu ħżiena, prekarji. Ċerti pagi tant huma miżeri li għandna ħaddiema li qed jkollhom jaħdmu aktar minn 60 siegħa fil-ġimgħa. Meta tirregola x-xogħol mhux dejjem se ssib l-appoġġ mil-ħaddiema, u din ġratilna meta bdejna nindirizzaw l-abbuż fis-sigħat twal tax-xogħol, peress li l-ħaddiema kellhom paga miżera u riedu ta' bilfors jaħdmu aktar.

Is-sitwazzjoni li kellna fil-qasam tal-kuntratti tal-gvern kienet tinċentiva l-abbuż u l-prekarjetá għax minn jieħu l-kuntratt kienet fuq l-orħos offerta. Illum suppost bir-riformi li proponejna u daħħal dan il-gvern din is-sitwazzjoni ġiet indirizzata u qed tinbidel, għax il-kuntratt llum irid jinkludi l-ispiża bażika tal-paga, kontribuzzjoni tas-sigurtá eċċ. Allura l-kuntratt qed jibda jingħata fuq is-servizz u l-vijabilitá li toffri l-azjenda.

L-istess f'dawk li huma ħaddiema mħaddma bħala *self employed*, bis-saħħa tal-Unjins din il-problema ġiet ndirizzata. Iddaħħlu sett ta' kriterji (sebgħa) fil-liġi tax-xogħol li jekk dawn fil-maġġor parti jiġu sodisfatti mil-ħaddiem fil-kuntratt ta' mpjieg li ngħatalu, allura dak il-ħaddiem ma tistax tħaddmu bħala *self employed*, imma bħala impjegat tiegħek bi drittijiet u l-kundizzjonijiet kollha tax-xogħol inklużi. Filfatt malli daħlet din il-liġi, in-numru ta' nies li jaħdmu bħala *self employed* naqas drastikament. Bdejna proċess ieħor ta' vjaġġ sabiex neqirdu kemm jista' jkun ix-xogħol prekarju. S'intendi din hija xi ħaġa kontinwa.

**Fil-konkret għandkom soluzzjonijiet oħra biex niġġieldu l-prekarjat?**

Sa llum tajjeb ngħidu li għad ma hemmx defenizzjoni ċara ta' x'inhu prekarjat. Tajjeb ngħidu, li hija ħaġa tajba li mill-banda l-oħra qed naċċettaw li jeżisti l-prekarjat, għax b'hekk biss jista' jkompli jiġu ndirizzati l-problemi li jġib miegħu l-prekarjat. Eż *'black listing'* ta' kumpaniji mil-kuntratti tal-gvern għall-perjodu ta' żmien kienet introdotta b'insistenza tagħna u gawdew

**Ikompli f'paġna 5**

# *"Il-prekarjat huwa wieħed mil-problemi li qed jagħti kontribut biex jiżdied il-faqar".*

minnha l-aktar il-*careworkers* u ħaddiema ta' tindif.

Anke liġi ta' *'transfer of business'*, li s-sidien il-ġodda iridu jieħdu wkoll l-impjegati tal-kumpanija magħhom wkoll kienet insistenza tal-unjins biex din tiddaħħal bħala liġi.

Bugeja kompla jgħid li qabel l-elezzjoni li għaddiet il-GWU ressqet dokument lill-partiti politiċi ta' kif nistgħu niġġieldu l-prekarjat, li l-partiti lkoll qablu miegħu, li wħud mil-proposti kienu dawk li daħħal il-Gvern preżenti mil-bidu tal-leġislatura. Iġifieri ftit ftit bdejna nindirizzaw din il-pjaga. F'tender tal-gvern il-kumpanija trid tistipula l-ammont maqsum f'biċċiet l-offerta mitfugħa, li jinkludi pagi; sigurtá soċjali eċċ, kif ukoll li l-paga tal-ħaddiema trid tmur direttament fil-kont bankarju. Il-*payslip* tal-ħaddiema irid jinkludi sal-inqas dettal.

Fil-qasam pubbliku, ġiet ndirizzata wkoll il-problema ta' diskrepanza fil-pagi *'equal pay for equal job'* bejn ħaddiema tas-servizz pubbliku u dawk mħaddma mill-privat. Fil-qasam tal-*careworkers* il-ħaddiema llum jitħallsu lkoll bl-istess rata (il-paga bażika taċ-ċivil).

Bħala Unjin llum qed nitkellmu mal-gvern biex il-careworkers jingħataw wkoll l-istess benefiċċji apparti l-paga, f'dak li hu 'premium allowance' etċ. L-istess qed isir fil-qasam ta' *security guards*, il-ħaddiema qed jitħallsu bl-istess rata taċ-ċivil. Għalhekk qed nitkellmu fuq vjaġġ biex nindirizzaw il-prekarjetá u ntejjbu s-sitwazzjoni ta' dawn il-ħaddiema.

**Għandek bejn wieħed u ieħor kemm hu l-ammont ta' ħaddiema li qed jitħaddmu bil-prekarjat?**

Kemm hawn nies diffiċli tkun taf għax ħafna nies ma jitkellmux, imma żgur huwa mifrux ma' kullumkien. Naħseb li naqas il-prekarjat bil-miżuri li qed jittieħdu, imma li neqirdu l-prekarjetá kollha hija diffiċli u l-vjaġġ huwa twil. Irridu żgur nirrevedu l-liġijiet settorali kollha li jirregolarizzaw kull settur.

L-istess, qed nippruvaw nestendu r-riformi li daħħalna fil-kuntratti tal-gvern f'kuntratti fis-settur privat, fejn hemmhekk qed ngħidu biex tiddaħħal rata li tkopri l-kundizzjonijiet bażiċi tal-ħaddiema. Imma sintendi iridu jaqblu fuqha l-kumpaniji kollha li jaħdmu f'dan is-settur. Fil-qasam tat-tindif kważi wasalna, imma għad hemm 10% li ma jridux jikkoperaw. Il-ħidma trid tkun konġunta bejn kulħadd fis-soċjetá, flimkien irridu neqirdu l-prekarjat. Kulħadd jirbaħ bil-qerda tal-prekarjat, anke l-ekonomija.

Għandna pensjonanti li ma joħolmux li jieqfu jaħdmu peress li għad għandhom tfal li qed irabbu u ma jistgħux jagħmlu mod ieħor. Iġifieri dawn ma għandhomx għażla.

**Nisimgħu każi ta' *Vjetnamiżi u Ċiniżi* li jaħdmu u ma jitħallsux, jew jitħallsu bil-ftit. Issemmew Bulgari li jaħdmu bi €3 fi siegħa u mħaddma bħala self employed. Jingħad li anke Serbi hawn bl-istess trattament. Il-GWU *tista'* tieħu passi li kollox ikun skond il-liġi, anke jekk il-ħaddiema ma jkunux imsieħba magħha?**

Iva, nieħdu passi. Kellna każijiet ta' ħaddiema barranin li jekk jitkellmu kien se jitwaqqfilhom il-permess u għalhekk jiġu li qed jgħixu llegalment hawn Malta, u anke kienu jgħixu f'kundizzjonijiet miżeri. Josef Bugeja qal li meta bdejna nindirizzaw tali problema, l-ewwel li ma sibna ma' wiċċna kienet fuq il-permess/passaport, li dana beda jinżamm mis-sidien bl-argument tagħhom jkun - sabiex il-ħaddiem ma jmurlux jaħdem ma' ħaddieħor meta ntefqu ammont ta' flus biex jinġieb Malta.

Kompla jgħid li f'Ġunju ta' din is-sena, is-sistema nbidlet totalment, fejn illum l-employer imur għand l-ETC biex jinħareġ l-permess u l-ETC iżżomm il-permess hi tal-impjieg ta' tali ħaddiem. L-agħar huwa meta tali ħaddiema barranin jintużaw mil-emplojer biex jintimidaw il-ħaddiem Malti bl-argument ewlieni jkun li bħalek hawn ħafna li lesti jagħmlu dan ix-xogħol; u bil-ħaddiem barrani mhedded li jekk jitkellem jitkeċċa. Il-ġirja għall-isfel ma tista' tieqaf qatt. Min iħaddem dejjem ħa jara biex il-*costs* tal-labour tiegħu jitnaqqsu.

Josef Bugeja qal ukoll li fir-rigward tal-Leisure Clothing, il-ftehim kollettiv ikopri lill-kulħadd. Pero l-emplojers sabu regoli fejn jgħidu li jien marbut biss bil-ftehim kollettiv mal-ħaddiema li huma mpjegati miegħi u mhux ma' dawk li jaħdmu 'magħna' imma reġistrati ma' kumpanija oħra. Illum dan jista' jsir, fejn ikollok ġiex ħaddiema; qed jagħmlu l-istess xogħol, imma min iħaddimhom mhuwiex l-istess sid. Aħna bħala unjin ma nistgħux nkunu nafu kemm qed jitħallsu l-oħrajn, u jekk insaqsu lis-sid kemm qed jitħallsu tali ħaddiema, ir-risposta ta' sid tkun li ma nistax ngħidlek għax dawk mhux impjegati magħna. S'intendi, il-ħaddiema barranin mhux se jitkellmu għax jintbagħtu lura pajjiżhom.

Bugeja kompla jgħid, żgur li hemm ħafna nies hemm barra fejn qed jgħidu, allura l-GWU ma għamlet xejn fuq din il-kwistjoni! Anke kieku ridna nagħmlu, legalment huma kienu qegħdin sew għax l-emplojers raw kif daru mal-liġi, u bħalhom għandna bil-gżuż. Kellna każijiet ta' *nurses* li kienu mpjegati taħt l-iskema ta' 'agency workers' li ma stajniex nikkomunikaw magħhom għax ma jitkellmux bl-ingliż, fejn dawn kienu qed jitħaddmu b'kundizzjonijiet miżeri. Illum din ġiet riżolta. Il-każ ta' Leisure Clothing ħareġ meta mpjegata ħarbet u marret tagħmel rapport lill-pulizija.

Kellna każ ieħor ta' Ċiniż li għax mar u rapporta lill-pulizija dwar kif kien qed jiġi trattat fuq il-post tax-xogħol, spiċċa mar il-ħabs hu. Din hi realtá. Illum kollox hu bbażat fuq l-aspett legali, li hemmhekk allura trid tipprova li qed isir l-abbuż. Sakemm ma jitkellmux il-ħaddiema ma tkunx taf x'inhu jiġri. Kollox ibbażat fuq il-biża'.

**Issemma ħafna fuq 'suq tal-iskjavi' fil-Marsa. X'qed isir biex din il-problema tiġi ndirizzata u finalment riżolta?**

Jidher li l-problema se tibda tiġi ndirizzata. Sa llum kullħadd jista' jmur u jiġbor persuna mill-Marsa għal xogħol mingħajr ma jħares ir-regolamenti tax-xogħol. Fuq il-midja smajna diversi każi ta' sfruttament. Kellna sidien li rraportaw lill-pulizija huma stess li persuni qed jaħdmu llegalment fit-tali post, l-aktar fil-kostruzzjoni, meta dawn qabduhom huma stess jagħmlu dak ix-xogħol, sabiex dawn ma jħallsuhomx. Ħafna minn dawn il-persuni li aħna tkellimna magħhom jibżgħu jitkellmu.

Bugeja saħaq li waħda mill-proposti li ressaqna lill-partiti politiċi qabel l-aħħar elezzjoni kienet li tinfetaħ aġenzija tax-xogħol fejn dawn il-persuni jiġu mpjegati magħha u meta xi ħadd jitlob għall-persuna biex jħaddimha miegħu jmur direttament fl-aġenzija. Min iħaddem iħallas l-aġenzija u l-aġenzija tħallas lill-persuna 'immigranta'. Il-Gvern irrealizza li hemm problema u se japplika l-proposta tal-unjins; il-problema b'hekk se tittaffa, imma mhux tispiċċa. Il-ħlas dovut għax-xogħol minn min iħaddem se jkun aktar mill-paga minima għax ir-rata tinkludi spejjez addizzjonali marbuta mal-amministrazzjoni ta' tali aġenzija. S'intendi nistennew u naraw ir-riżultat tagħha meta din tiġi applikata.

## Żminijietna kontra l-introduzzjoni ta' ħlas f'latrini pubbliċi.

Żminijietna – Leħen ix-Xellug tesprimi l-oppożizzjoni tagħha kontra l-introduzzjoni ta' ħlas fl-użu ta' latrini pubbliċi.

Żminijietna tappella l-Gvern sabiex fir-riforma li qed tiġi ppjanata fl-immaniġġjar ta' latrini pubbliċi tali miżura ma tiddaħħalx.

Żminijietna filwaqt li taqbel mal-gvern li jsir investiment kapitali sabiex latrini pubblici jsir titjib fihom, l-għaqda ma taqbilx li tali aċċess jiġi ristrett.

Żminijietna tesiġi biex jkun hemm proċess ta' konsultazzjoni aktar wiesgħa mas-soċjetà ċivili, kunsilli lokali u entitajiet oħra li jaħdmu b'risq minn hu żvantaġġat fis-soċjetà.

# IL-KONTRADIZZJONIJIET FIL-PARTIT SYRIZA

***minn Alfred Consiglio***

It-tradiment minn Syriza fil-Greċja ma waqax mis-sema. Għalkemm Syriza rreklama lilu bħala partit xellugi radikali, il-politika li mexxa ħarġet mill-istorja tiegħu; mill-bidu tiegħu, hu kien partit ostili lejn il-Marxiżmu.

Syriza feġġ fl-2004 hekk kif diversi partiti tal-klassi medja nġabru madwar Synaspismos (SYN), li kien twaqqaf fl-1989 wara l-kollass tal-gvern ta' PASOK ta' Papandreou, bil-koalizzjoni tal-KKE (Il-Partit Komunista Grieg) u l-Partit Xellugi Grieg (Ewrokomunisti). Il-KKE telaq mis-SYN fl-1991.

Dak iż-żmien Alexis Tsipras kien il-mexxej żgħażugħ ta' SYN, li kien, flimkien ma' KKE, il-fdal ewlieni mill-kollass tal-Istaliniżmu Grieg. Il-gruppi li SYN iffaxxina, bħal DEA (Ħaddiema Xellugin Internazzjonalisti), li kkundanna lill-Unjoni Sovjetika bħala 'stat kapitalist', feġġ mill-moviment studentesk li kien żviluppa wara l-kollass tal-ġunta tal-kurunelli fl-1974.

Dan il-moviment studentesk żviluppa f'kundizzjonijiet fejn il-kapitaliżmu kien ġie skreditat minn saffi wesgħhin tal-poplu Grieg bid-delitti tal-faxxiżmu, il-Gwerra Ċivili Griega, u dittatorjati militari. Studenti malajr issieħbu ma protesti jew appoġġaw strajkijiet imsejjħin mill-unjonijiet kkontrollati minn PASOK, li pprovdilhom pubbliċità u ċerta influwenza politika. Dan ma kienx jindika, madankollu, li dawn l-istudenti appoġġaw il-perspettiva ta' rivoluzzjoni.

Aktarx huma evolvew f'linja mix-xaqliba wiesa' internazzjonali lejn il-lemin fl-intelliġenzja pikkola-borgeża wara l-1968. Dik is-sena l-armata Sovjetika rażżnet ir-Rebbiegħa ta' Praga, u l-Partit Komunista Franċiż imblokka l-ħtif tal-poter mill-ħaddiema wara l-istrajk ġenerali ta' Mejju-Ġunju 1968. Partiti komunisti kienu qed jiġu esponuti bħala difensuri tal-ordni stabbilit, fost radiklalizzazzjoni wiesa' tal-ħaddiema u żgħażagħ. Ma setgħux aktar jilagħbu l-parti li kienu ilhom jilagħbu.

Is-saff tal-klassi medja fil-moviment studentesk ma rreagixxix għal esponiment tal-Istalinisti billi jipprova jibni partiti rivoluzzjonarji ġenwini tal-ħaddiema. Pjuttost, huma wżaw frażjoloġija xellugija jew soċjalista biex jiġġustifikaw ir-rifjut tagħhom lill-ħaddiema bħala forza rivoluzzjonarja, u jwarrbu l-ġlieda biex jinbena partit rivoluzzjonarju.



Panagiotis Sotiris, mexxej ta' Antarsya, Front tax-Xellug antikapitalist Grieg, rivali ta' Syriza fil-politika Griega, qal li l-istudenti fittxew minflok li jaħdmu fost il-klassi medja. Dak iż-żmien l-istudenti kienu qed jaħsbu eżattament li esperimenti unitarji bħal ma kien regruppar tax-xellug fl-universitajiet kellu xeħta aktar strateġika.

Antarsya kien twaqqaf fl-2009 b'għaqda bejn tendenzi Maoisti u Stalinisti. Sotiris innota li l-istudenti setgħu jgħinu din ix-xorta ta' tiswir mill-ġdid tax-xellug radikali kontra t-twaqqif ta' forom tradizzjonali ta' organizzazzjonijiet.

It-tisħiħ teoretiku u politiku ta' din ix-xorta ta' politika borgeża kien ipprovdut mill-intelletwali 'post-Marxisti' bħal ma kien Ernesto Laclau, professur mill-Argentina, li kien ħarreġ, fl-Università ta' Essex, ħafna mill-mexxejja tal-lum ta' Syriza.

SYN ġie ifformat fi Frar 1989 fost il-kriżi u l-kollass tal-gvern ta' Papandreou. SYN kien koalizzjoni elettorali bejn il-KKE u l-Partit Xellugi Grieg. Dan tal-aħħar kien iddominat mill-Ewrokomunisti, tendenza li kienet infirdet mill-KKE, iżda kienet tinkludi wkoll politiċi borgeżi, bħal ma kien Nikos Konstantopoulos, ex-membru ta' PASOK.

Il-kritika tal-Ewrokomunisti għall-Istaliniżmu ma kellha xejn x'taqsam mal-oppożizzjoni lejn il-burokrazija ta' Moska; huma kienu qed jersqu lejn iċ-ċentru. L-Ewrokomunisti imitaw l-influwenza dejjem tikber tat-tip ta' kunċetti ta' anti-Marxiżmu. Huma fittxew li jiċħdu b'mod espliċitu rivoluzzjoni u l-Marxiżmu, li jżommu 'l bogħod minn Moska sabiex jikkollaboraw aktar mill-qrib mal-klassi ħakkiema. Din it-tendenza, li kienet predominanti fil-partiti komunisiti Taljani u Spanjoli, kienet il-prekursur tal-imbuttatura minn Moska taħt Mikhail Gorbachev li jirrestawra l-kapitaliżmu fl-Unjoni Sovjetika.

Il-formazzjoni ta' SYN kienet preludju ta' tradiment tal-ħaddiema mill-isfumaturi kollha tal-politika Griega. Meta l-gvern ta' Papandreou waqa', iżda d-Demokrazija Ġdida (ND) ma rnexxielix tikseb maġġoranza fl-elezzjonijiet, SYN daħlet f'koalizzjoni ma' ND biex ifformaw gvern. Dan ġab lill-Komunisti f'alleanza mal-lemin Grieg, li kien għarraq lill-ħaddiema fid-dmija, kemm matul il-Gwerra Ċivili tal-1946-49 u kemm taħt il-Ġunta tal-1967-1974.

Il-KKE u l-prekursuri ta' Syriza ndikaw li l-borgeżija kienet issa soda fil-kamp tal-ordni kapitalist. Matul il-gvern ta' koalizzjoni, uffiċjali ta' SYN servew bħala ministri tal-ġustizzja u l-intern. B'hekk, huma kkontrollaw id-dokumenti rigward il-qtil u torturi ta' ħaddiema, membri tal-KKE, matul il-Gwerra Ċivili u l-ġunta. Mhux biss SYN naqas li jinvestiga dawn id-delitti, iżda ħalla l-qerda ta' mijiet ta' dokumenti li setgħu jkunu ta' evidenza għal prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli.

Sena wara, il-ħbieb ta' SYN fir-Russja xoljew l-Unjoni Sovjetika u rrestawraw il-kapitaliżmu, u fetħu l-bibien lejn indħil barrani. Il-KKE telaq mill-alleanza ma' SYN fl-1991. Is-SYN kien inbidel f'partit b'tendenzi borgeżi.

It-tendenzi l-oħrajn f'Syriza, id-DEA, il-gruppi Maoisti u ekoloġiċi, issieħbu ma' Syriza fuq il-bażi ta' din 'l hekk imsejjħa evoluzzjoni pro-kapitalista. Sal-bidu tas-sena 2000, is-SYN kien f'tinqis elettorali, jiffaċja t-theddida li ma jkunx kapaċi jikseb voti biżżejjed biex jaqbeż il-limitu elettorali biex jikseb post fil-parlament. Dan kien minħabba l-politika ta' ċentru-xellug matul is-snin ta' qabel, li għamlet lill-partit qiesu satellita ta' PASOK.

Il-formazzjoni ta' Syriza fl-2004 kienet manuvra immirata li tipproġetta wiċċ aktar "xellugi" u żżomm lil SYN ħaj billi jassorbi partiti oħrajn li kienu nagħqdu fil-protesti kontra l-Gwerra tal-Iraq. Għat-tmexxija ta' SYN, Syriza kien aktar alleanza elettorali biex jgħinu jaqbeż il-limitu ta' 3 fil-mija tal-vot biex jidħol fil-parlament.

Is-sehem tagħhom irrifletta l-ġid dejjem jiżdied u l-konservatiżmu għas-saffi soċjali f'Syriza. Hekk kif ir-rapport tal-istampa wera l-kontijiet bankarji kbar u l-ħafna residenzi tal-ministri ta' Syriza, kien ċar li l-istudenti antiki ggradwaw f'karrieri li poġġewhom fost il-klassi medja sinjura. Wara li bbenifikaw mill-iffinanzjarjament tal-ekonomija Ewropeja, suq ta' propjetà dejjem jikber, u l-introduzzjoni tal-Ewro, it-tagħlim tagħhom minn Laclau, ikkonvinċewhom sew fuq il-merti tal-kapitaliżmu.

Il-burdati tagħhom sabu tlissina mitmuma fit-twarrib tal-ġlieda tal-klassi kif ippriedkata minn Laclau. Is-sehem tal-gvern ta' Syriza li jwettaq rigress enormi fil-livell ta' ħajja tal-ħaddiema Griegi hija prova tal-implikazzjonijiet reazzjonarji ta' kunċetti irrazzjonalisti u anti-Marxisti.

L-insistenza li r-realtà ma tistax tiftiehem b'mod raġonevoli, u t-twarrib tal-klassi ħaddiema, ipprovdiet ħatab teoretiku għal partiti pikkolo-borgeżi, li huma 'xellugin' fl-isem biss. Syriza mpona l-politika irrazzjonali ta' awsterità, li hija kważi daqs suwiċidju ekonomiku għal Greċja, b'nuqqas ta' attenzjoni totali għall-massa kbira tal-poplu ħaddiem.

Il-prekondizzjoni essenzjali għal ġlieda mill-ħaddiema kontra awsterità hija firda minn ma' 'l hekk politiċi psewdo-xellug. Il-falliment tagħhom kien evidenti fil-falliment tal-partiti fil-Greċja li ppużaw ta' kritiċi 'xellugin' fl-ewwel gvern ta' Tsipras biex jirbħu vot sinifikanti fl-elezzjonijiet ta' Settembru 2015.

Il-partit Laiki Enótita (Unità Popolari) li ġab gruppi Maoisti mill-koalizzjoni ta' Antarsya biex jappoġġaw il-Platform Xellugija wara li telaq lil Syriza, naqas li jikseb it-3 fil-mija meħtieġa biex ikollu membru fil-parlament. Koalizzjoni msawwra kif ġie ġie flimkien mal-bqija tal-fazzjonijiet ta' Antarsya, inklużi diversi gruppi Maoisti, u l-EEK (Partit

*Ikompli f'paġna 7*

ta' Ħaddiema Rivoluzzjonarji) ta' Saias Michael-Matsas, kiseb 0.85 fil-mija.

Taħt il-kundizzjonijiet ta' kriżi serja fil-Greċja, dawn ir-riżultati miżeri kienu akkuża serja tal-parti li lagħbu dawn it-tendenzi bejn Jannar u Settembru 2015. Ma ġabru ebda appoġġ serju għaliex huma qatt ma ġġieldu biex jiddistingwu fundamentalment lilhom minn Syriza biex jirbħu lill-kotra lejn perspettiva rivoluzzjonarja.

Il-Platform Xellugija ħadmet lealment fi ħdan il-gvern ta' Syriza minn Jannar sa Lulju, isservi biex timblokka oppożizzjoni lil Syriza mix-xellug. Hu ppromwova l-gidba li minkejja li kien wiegħed li jimponi awsterità fi Frar, Syriza seta' jkompli b'politika xellugija. Riżoluzzjoni li Platform indirizzat lejn it-tmexxija ta' Syriza sostniet li, minkejja s-serjetà tal-kompromess inizjali ta' Syriza, dan kien għadu fil-ħin li jsolvi din is-sitwazzjoni billi jibdel id-direzzjoni u jassumi politika radikali u soċjalista.

L-attentati tal-Platform Xellugija li jippoża bħala avversarju fuq awsterità mill-EU, huma ngann politiku. Lejn l-aħħar ta' Lulju hu mexxa imbuttatura biex jevita vot fi ħdan Syriza fuq il-miżuri nnegozjati minn Tsipras. Il-miżuri għaddew filwaqt li evitaw simultanjament li tittieħed pożizzjoni kontra.

Filwaqt li l-kritika fjakka tal-Platform saret irritanti għan-negozjati ta' Tsipras mal-EU, Tsipras xolja l-gvern u neħħa lil Platform mill-lista ta' kandidati. Kien hawn li Platform iddeċieda li jifforma l-Partit ta' Unità Popolari. Pnagiotis Lafazanis, mexxej tal-Platform, u li kien serva bħala Ministru tal-Enerġija fil-gvern ta' Tsipras, iddikjara li l-Unità Popolari trid li tkompli t-tradizzjonijiet programmatiċi ta' Syriza, u li trid tibqa tappoġġa impenn aktar radikali.

Bħal ma kien mistenni l-appell ta' Lafazanis għal difiża tar-rekord ta' Syriza kkonvinċa diversi fazzjonijiet ta' Antarsya, li kien wasal iż-żmien biex jidħlu f'alleanza diretta mal-Platform Xellugija fil-Partit ta' Unità Popolari. L-EEK u Michael-Matas raw l-opportunità għal raggruppament ma' fazzjonijiet oħrajn.

L-orjentament ta' dawn it-tendenzi ma kienux lejn il-ħaddiema imma lejn Syriza. Finalment il-ħaddiema, b'mod tajjeb, rawhom bħala biss parti mill-arranġament politiku li ttradihom.

Ma kien hemm ebda traċċa ta ' intransiġenza rivoluzzjonarja fost il-forzi suppost tax-xellug ta' Syriza. Kollha kemm huma ppreparaw il-kisba tal-poter minn Syriza billi ħadmu biex jippromwovu l-illużjonijiet li gvern minn Syriza jmexxi l-ġlieda kontra l-awsterità tal-EU, biex imbagħad ħlew it-tmien xhur, bejn Jannar u Settembru, jadottaw lilhom lejn il-gvern ta' Syriza, ixerrdu gideb dwar il-politika tiegħu, u jkunu ċerti li dan kellu triq beraħ għat-tradiment.

F'Settembru 2015 Syriza rebaħ l-elezzjoni bi ftit, u fforma gvern ta' koalizzjoni ma' Anel, il-partit nazzjonalist lemini. Dak li ħarġu jivvotaw kienu biss 56.6 fil-mija, l-anqas numru sa mill-kollass tal-ġunta militari fl-1974. F'Novembru 2015 il-gvern ta' Syriza għadda miżuri ġodda ta' awsterità kif riedet l-EU.

# ABORT U EWTANASJA

***John Zammit***
***Alleanza Liberali***

***johnpzammit@gmail.com***

Il-polemika dwar l-Abort issa ilha għal diversi snin għaddejja f'pajjiżna, kemm f'Malta u kif ukoll f'Għawdex, iżda din milli jidher mhu se tinqata' qatt qabel ma tiġi deċiża bħalma ġara fil-każ ta' Divorzju u l-Għaqda Ċivili bejn persuni ta' l-Istess Sess.

Naf li hawn mijiet li jaqblu mal-abort, imma jibżgħu juru dan fil-pubbliku. Hemm dawk li ġew lura Malta, speċjalment dawk li llum fil-maġġor parti jgħixu ġewwa Għawdex, li għexu l-Awstralja, l-Istati Uniti, il-Kanada, ir-Renju Unit, li lkoll ġew minn pajjiżi fejn għandhom dawn il-liġijiet, li għalihom llum dawn ma huma xejn. Naf wkoll Maltin u Għawdxin li tgħidx kemm kienu reliġjużi, imma meta emigraw u għexu f'komunitajiet oħra bidlu l-fehmiet tagħhom.

Fis-seklu wieħed u għoxrin, ejjew inkunu sinċieri u mhux aktar sfaċċati jew doppja faċċa. Ikollna nammettu li Malta hija l-aħħar minn sitt pajjiżi fid-dinja kollha fejn l-abort għadu jgħodd bħala xi ħaġa kriminali, iġifieri min jagħmel l-abort jista' jispiċċa l-ħabs. L-abort mhux xi xewqa imma bżonn, u żgur li se jkun hemm persuni (nisa) li jkollhom bżonn jagħmlu dan.

Infatti diġá jeżistu każijiet fejn persuna tmur għal abort:

1) F'każ li jkun hemm komplikazzjonijiet fit-tqala u l-Professur jkollu jagħżel bejn li jsalva "l-omm jew it-tarbija". Iġifieri waħda BISS tista' tibqa' ħajja u għalhekk f'dal każ jiġi l-bżonn ta' l-abort. Jekk issalva t-tarbija tmut l-omm u jekk issalva l-omm, tmut it-tarbija. Niftakar meta kelli t-tlett uliedi fis-snin sebgħin u tmenin kienu tawni formola biex nimliha u niffirmaha, li kienet tgħid li f'każ li jiġri xi ħaġa lil min irrid insalva, lill-mara jew lit-tarbija? Il-loġika tgħidlek li għandha tiġi salvata l-omm.



2) Każ ieħor huwa f'każ ta' stupru. Trid tkun minflok dik il-mara li ġiet stuprata biex tara minn x'hiex tkun għaddejja. Kif tista' ma tħennx għal din il-mara speċjalment jekk tgħaddi minn trawma, li twassalha li ma tkunx trid it-tarbija, u sa anke tasal biex tagħmel suwiċidju!

Jiena personali kont bdejt nikkampanja biex f'Malta jidħol l-Abort aktar minn għoxrin sena ilu. Anke l-partit Alleanza Liberali, li sa llum għadni attiv fih, għamilniha ċara fil-manifest elettorali li bħala partit se naħdmu biex f'Malta tidħol liġi favur l-abort. Dan inkludejnih fil-programm elettorali tal-2004, 2009, 2013 u 2014. Għamilna dan il-pass avolja konna ċerti li se nitilfu l-voti, imma aħna nemmnu sinċerament li l-Abort għandu jiddaħħal għal raġunijiet li semmejna fl-artiklu u li l-ebda mara m'għandha tintbgħat il-ħabs. Kif qiegħda l-liġi llum, hekk jista' jiġri. Ir-reliġjon jew moralità m'għandhomx jiżżefnu fin-nofs f'każi ta' saħħa jew stupru tal-persuna.

F'Malta, diversi drabi saru konferenzi u anke xi pellegrinaġġi bil-quddiesa kontra l-Abort u anke meta ġiet Malta Rebecca Gomperts, il-famuża tabiba tal-vapur tal-Abort (ritratt) f'Ottubru tal-2007. Meta ġiet Malta kienu qamu l-irwiefen kollha kontra tagħha. Iżda xorta ġiet f'Malta mhux billi sar pellegrinaġġ bix-xemgħat u saret sejħa biex jingħalaq u tiġi mblokkata l-bokka tal-Port il-Kbir. Ħaġa tal-iskantament, meta l-għaqda tal-Istudenti Universitarji Demokristjani għamlu konferenza dwar l-Abort, il-maġġoranza tal-istudenti qablu li għal raġunijiet serji l-Abort għandu jiddaħħal. Dan li qed ngħid kien irrapportat fuq it-Times of Malta fl-ewwel paġna u fuq il-poster tal-istess gazzetta f'Ġunju ta' 2009.

Issa jien ħaġa ngħid, li meta tara, li kemm ir-Repubblika Irlandiża li huwa pajjiż Kattoliku u anke l-Filippini li huma fundamentalisti tar-reliġjon Kattolika, lkoll daħħlu l-Abort fil-liġi f'każ li tkun se tmut l-omm. Wieħed jistaqsi kif f'Malta għadna ma għamilniex dan il-pass li huwa tant importanti li jittieħed. Għala nibżgħu ndaħħlu fil-liġi l-kelma abort?

Jien u l-Alleanza Liberali li din is-sena ngħalqu għaxar snin mit-twaqqif tagħna, nafu li illum jew għada kemm l-Abort u anke l-Ewtanasja għad jiddaħħlu f'Malta bħalma daħal id-Divorzju u l-għaqda ċivili bejn persuni tal-istess sess, ħaġa li ħafna kienu jopponu. Aħna konna minn ta' quddiem favur tagħhom minn meta twaqqafna bħala Partit.

L-istess l-Ewtanasja, naf li din hi kwistjoni li hemm ħafna ma jaqblux magħha, imma wieħed għandu jaħseb fuq dik il-persuna li tkun għaddejja minn marda terminali u tbatija kbira b'uġigħ insapportabbli. Żgur li hemm min irid jagħmel użu mill-Ewtanasja u għalhekk bħala Partit nisħqu li għandu jiddaħħal ukoll f'pajjżna.

Ta' min jgħid li talli Malta għada ma daħlitx l-Abort, ta' kull sena qegħda tkun ippenalizzata mill-Unjoni Ewropeja. Għalhekk nemmnu li dan għandu jiddaħħal speċjalment meta nafu li r-Repubblika Irlandiża li hu magħruf bħala pajjiż Kattoliku aktar minn Malta daħħal dan id-dritt. Il-Papa Franġisku riċenti wkoll tkellem fuq l-abort u qal *li dawk li jagħmlu l-Abort għandna naħfrulhom u mhux hekk biss talli ngħinuhom.* Għalhekk x'qed jistenna l-Gvern Malti biex jilleġisla b'liġi d-dħul tal-Abort għallinqas bħalma huwa aċċettat mill-pajjiżi Kattoliċi l-oħra membri tal-Unjoni Ewropeja, inkluż ir-Repubblika Kattolika Irlandiża.

Min irid aktar informazzjoni fuq din il-materja jista' jidħol fil-paġna tal-facebook bl-isem "Malta Abortion Rights Group", jew fuq il-paġna ta' l-"Alleanza Liberali Malta u Alleanza Liberali Gozo".

# Il-ħtieġa ta' laboratorju ideoloġiku

*minn Mark Montebello*

Ninnota li l-biċċa l-kbira tal-adulti mqabbda max-xejra politika xellugija, inkluż adulti żgħażagħ, ftit għandhom idea ċara tat-teorija politika (ta' naħa daqskemm tal-oħra) jew għodod ideoloġiċi li bihom jistgħu janalizzaw ir-realtà storika. Dan minkejja li dawn aktarx huma nies li jridu jagħtu sehem politiku fis-soċjetà. Jidher xi ftit jew wisq evidenti li jeżisti nuqqas pronunzjat ta' tħejjija intellettwali xierqa ta' livell ideoloġiku.

Meta wieħed jitħaddet ma' bosta nies ta' xejra politika xellugija jintebaħ malajr li bosta mill-ġudizzji politiċi li joħorġu bihom huma msejsa fuq qari kapitalista tar-realtà, ukoll meta mingħalihom ikunu qed jesprimu ideat liberali. Titħassarhom iżda ma tlumhomx. Għax il-kapitaliżmu sar hekk insidjuż u hu hekk kapaċi li, filwaqt li jadatta u jimmetamorfoża ruħu kontinwament, jinfiltra f'kull fibra tal-ġudizzju uman, li ma jagħti nifs lil ħadd.

Aktar u aktar lil nies li mhumiex imħejjija biex jikkombattuh b'mod intelliġenti u strutturat; nies li ħafna drabi l-istil ta' ħajjithom u l-livell ta' ħajja li jgħixu jissuġġerixxu aċċettazzjoni prattika tan-nases kapitalisti mingħajr diskussjoni.

Terġa' u tgħid, ħafna drabi ssib li dawn in-nies tal-klassi tan-nofs kisbu edukazzjoni tipikament konservattiva li kienet taf tagħmel sens, għallanqas fid-deher u b'mod pragmatiku, tad-duttrini kapitalisti kurrenti. Din l-edukazzjoni formali, maħsuba l-aktar għal finijiet karriristiċi, sistematikament imminat l-idea tal-'aħna' biex teżalta l-individwaliżmu egoistiku u edonista.

B'din l-edukazzjoni fil-friegħi kollha tagħha, inkluż dik filosofika, il-viżjoni soċjali ġiet restritta għal osservazzjoni kosmetika u utilitaristika li biha bniedem iħares lejn l-'oħrajn' bħala, fl-aħjar tal-modi, sħab konsumaturi u, fl-agħar tal-modi, avversarji kompetituri. Il-kunċett ta' responsabbiltà komuni hu nieqes daqskemm il-kunċett ta' kuxjenza soċjali hu dejjaq.

Fuq kollox, f'dan kollu hemm proċess ta' żarmar. Bniedem hu żarmat milli jirreżisti l-influss kapitalista u l-fratturazzjoni tal-kollettiv. Bniedem hu mgħallem li jassumi pożizzjoni kostanti ta' vittma kuntenta; vittma tat-trijonf kapitalista bil-filosofija tagħha; vittma li, aktar milli sempliċiment ma tafx tiġġieled lura, ma tarax il-ħtieġa li tiġġieled lura, anzi li mhijiex kapaċi tara għajr il-futilità u r-redikolaġni tar-reżistenza u d-dissens.

Meta bniedem hu ffurmat u żarmat b'dan il-mod jitlef il-kapaċità li jagħti definizzjoni lilu nnifsu mingħajr il-ħakkiem tiegħu. Dan tal-aħħar ikun daħallu f'moħħu biex tah ix-xejra li ried u, fuq kollox, biex mexxieh 'il fejn ried. Il-kapitaliżmu ried biss it-trijonf tiegħu nnifsu ħalli l-profitti tiegħu u l-għana u l-ġid li jaħżen u juża ma jitmessux u joktru. Il-bniedem illum, ukoll dak liberali u 'soċjalista', ukoll l-anarkiku, jaħseb bħal kapitalist; jaħseb ta' kapitalist li mingħalih għandu l-kontroll u jista' jaġixxi bil-libertà. Fil-fatt huwa biss iddomestikat, ibbambinizzat u kompliċi.

Huwa dnub li madwarna naraw ħafna adulti u żgħażagħ li, minkejja l-istint etern tagħhom tar-responsabbiltà kollettiva, ma jistgħux jirribellaw kontra l-indottrinazzjoni kapitalista għax ma jafux kif; għax ma jistgħux isibu ġo fihom l-għodod li jilliberawhom mill-kunċetti korrużivi tal-egoiżmu, l-edoniżmu u l-individwaliżmu.

Dawn in-nies jidher li għandhom kapaċità li jibqgħu jaraw l-'aħna' fiċ-ċpar tal-'jien'; kapaċità li, qisu b'mod mirakuluż, issopragħexet indottrinazzjoni ta' snin u modi. Iżda hija kapaċità inoperanti u impotenti. Maż-żmien jibqa' biss ħjiel nostalġiku tagħha qisha kienet xi xewqa kapriċċuża ta' żmien tfulija immatura u irrisponsabbli.

Iżda li l-umanità, kemm f'ġabriet ċjejknin daqskemm fuq ġemgħat mifruxa, tgħix f'għaqda kooperattiva mhijiex kapriċċ. Hija ħtieġa naturali għall-ferħ, is-serenità u s-sigurtà ta' kull wieħed u waħda minna daqskemm ta' kulħadd ilkoll flimkien. Sakemm il-bniedem mhuwiex se jsib fih innifsu dik il-qawwa operanti u potenti li joħroġ miċ-ċirku vizzjuż tal-formazzjoni u l-filosofija kapitalista u, f'dan iż-żmien, ukoll neoliberali, allura ma jista' qatt isib il-kuntentizza. Jibqa' f'taqbida ddisprata, imġerrħa u mnikkta.

Iżda biex jagħmel dan jeħtieġ li jikseb l-għodod xierqa biex jibni ġejjieni differenti minn dak li jrid il-kapitaliżmu. Dawn l-għodod jeħtieġ li jiġu pprovduti b'mod maħsub, ikkalkulat u dipendibbli f'laboratorju ideoloġiku li joffri formazzjoni alternattiva solida għall-kapitaliżmu. L-adulti u ż-żgħażagħ liberali ma jistgħu qatt ikunu effettivi mingħajr laboratorju bħal dan li jwassalhom biex jiskopru l-qawwa tagħhom infushom biex jeħilsu mix-xkiel li tgħabbew bih.

B'laboratorju ideoloġiku bħal dan qed nifhem ħidma ta' tagħlim sistematiku u impenjattiv fil-prinċipji u l-filosofija tal-interpretazzjoni liberali tar-realtà. Minn hawn tista' tinbet, tikber u titwettaq konkretament ħidma għar-rekuperu tal-'aħna' uman u tal-'jien' soċjali. Laboratorju bħal dan jista' joffri l-bażi solida fuq xiex jinbena impenn serju li jroddilna dak li l-kapitaliżmu tellfilna u aljenana minnu.

Neħtieġu analiżi mdedda tar-realtà storika u, għalhekk, ukoll għodod ideoloġiċi li jagħmluha possibbli. Hu għalhekk li neħtieġu laboratorju ideoloġiku li fih dan jista' jsir. Inkella nibqgħu ngħumu fl-istess ilma mdardar u nduru fl-istess ċrieki magħluqa.

# Mil-lenti Kulturali......

**mewġ kiefer- mewġ ħanin**

mewġ kiefer jimbotta,
iġsma minfuħa vjola skur,
biż-żlieġa f'għajnejhom…

mewg ħanin jimbuttahom fi
ħdan il-militar,
li jgezzizhom fid-dgħajsa,
sa' waslet it-tama…

**il-baħnan t'alla**

il-baħnan t'alla,
lili jkellimni,
b'ilsien stramb ħafna.

jien naf li m'hux nittien,
naf li mhux midgħi,
li m'hux misħut.

jien naf li hu ktieb oħxon,
li jrid ikollok sabar,
taqrah sa' l-aħħar.

il-baħnan t'alla, mherwel,
ma jġegħlnix nistħi.

mario griscti

**Tears under the clouds**

When my heart cries, it will for those who are lost at sea or in unknown spaces.

Migrants with no home and no land.

Dark shadows descend upon me, like clouds obscuring my vision.

I cry for those leaving their countries following the dream of a home.

I cry for women raped in countries, giving birth on cold foreign soils.

And my tears fall like rain drops, dancing with clouds.

Maybe there is some light for them.

And hope reappears again.

Mary Anne Zammit

***…(Kull min jixtieq jikkontribwixxi b'kitbiet letterarji jew poeżiji jista' jagħmel dan billi jibgħat lill-Bord Editorjali fuq zminijietna@yahoo.com)***

## Abbonament Gazzetta Żminijietna

Isem: Kunjom:
-----------------------------------------------------------------------------
Indirizz:
-----------------------------------------------------------------------------
Emejl:
-----------------------------------------------------------------------------
Sena: (€5) Sentejn: (€10)

**Ibgħat din il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000 ma' ċekk jew direttament fil-*Kont Bankarju BOV 40013290155***